**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 298/2025 JVC**

**Silvio sive Sylvano Sciberras (K.I. Nru. 0498863M) u Mary Dolores Sciberras (K.I. 0360964M) u b'digriet tal-20 ta' Mejju 2025 il-kunjom "Sciberras" ġie jaqra "Xiberras sive Sciberras", taż-żewġ rikorrenti**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Silvio sive Sylvano Sciberras et talbu kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent Silvio *sive* Sylvano Sciberras, huwa iben id-defunt Eleno Xiberras u Mary Xiberras *nee`* Curmi, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta, bin-numru ta' iskrizzjoni 4988 tas-sena 1963 [*l-Att ta' Twelid hawn anness, esebit u mmarkat bhala* **Dokument A**].

2. **Illi,** ghalhekk, kunjom ir-rikorrent Silvio Sciberras kellu jkun indikat bhala *"Xiberras"*, u dan kif jirrizulta wkoll mill-Att taz-Zwieg tieghu bin-numru progressiv 1716 tas-sena 1986 [*l-Att taz-Zwieg hawn anness, esebit u mmarkat bhala* **Dokument B**].

3. **Illi,** skont l-imsemmi Att taz-Zwieg, kunjom ir-rikorrenti Mary Dolores Sciberras, kellu jkun dak ta' *"Xiberras"*.

4. **Illi**, minkejja illi r-rikorrenti ghandhom kunjomhom imnizzel bhala *"Xiberras"*, skont l-Atti Pubblici relattivi, huma dejjem kienu maghrufa bil-kunjom "Sciberras".

5. **Illi** fuq il-Karta` tal-Identita` ta' l-istess rikorrenti, kopja ta' liema hi annessa w immarkata bhala **Dokument C u Dokument D** rispettivament, ir-rikorrenti huma ndikati bl-isem ta' *"Silvio sive Sylvano Sciberras"* u *"Mary Dolores Sciberras"*.

6. **Illi**, fil-korrispondenza tieghu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u *Office of The Commissioner for Revenue* rispettivament, kunjom ir-rikorrenti Silvio Sciberras dejjem jigi ndikat bhala *"**Sciberras**"* [*kopja ta' diversi rcevuti mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi hawn annessa w immarkata bhala kollettivament* **Dokument E]**.

7. **Illi,** bl-istess mod, fil-korrispondenza tieghu mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, kunjom ir-rikorrenti Silvio Sciberras dejjem jigi ndikat bhala "***Sciberras***" [*kopja ta' diversi rcevuti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali hawn annessa w immarkata bhala kollettivament* **Dokument F]**.

8. **Illi,** l-kontijiet mahruga mill-*Automated Revenue Management Services Limited*, kunjom ir-rikorrenti Silvio Sciberras dejjem jigi ndikat bhala "***Sciberras***" [*kopja ta' diversi rcevuti mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali hawn annessa w immarkata bhala kollettivament* **Dokument G]**.

9. **Illi**, l-licenzja tas-sewqan tar-rikorrent, kunjom ir-rikorrenti Silvio Sciberras dejjem jigi ndikat bhala "***Sciberras***" [*kopja ta' licenzja tas-sewqan datata 12 ta' Settembru 1991 hawn annessa w immarkata bhala* **Dokument H**.

***Mary Dolores Sciberras***

10. **Illi**, fil-korrispondenza taghha mad-Dipartiment tas-Sahha, r-rikorrenti dejjem tigi ndikata bhala "*Sciberras*" (*kopja ta' Ante-natal Record Card datata 27/08/1987, hawn annessa u mmarkata bhala* **Dokument I**).

11. **Illi,** jirrizulta minn diversi atti pubblici, nkluz testment datat it-13 ta' Mejju, 2011 fl-atti tan-Nutar James Grech, illi r-rikorrenti dejjem giet indikata bhala "***Sciberras***" (*kopja tat-testment hawn anness w immarkat bhala* **Dokument J**).

12. **Illi,** minhabba li d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta li johrog certifikati hlief bil-kunjom, kif miktub originarjament, tali certifikat u dokumenti ufficjali ser

ikunu qeghdin jinhargu bl-isem ta' "*Xiberras*" minflok "*Sciberras*".

13. **Illi** d-Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jirrifjuta illi jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega.

14. **Illi** tali nkonsistenza f'kunjom tar-rikorrenti kkawza, u qed jikkawza, diffikultajiet prattici u procedurali lir-rikorrenti, fosthom meta jigu biex jinhargu l-passaporti godda.

15. **Illi,** ghalhekk, ir-rikorrenti ghandhom interess, *inter alia,* ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni, u *cioe`* li kunjomhom jinbidel minn "*Xiberras*" ghal "*Sciberras*", kif fil-fatt huma u kif kienu minn dejjem maghrufa.

**Ghaldaqstant,** ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment, u bir-rispett, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. **Tiddikjara** li l-kunjom li bih ir-rikorrenti huma konsistentement maghrufa bih huwa "*Sciberras*" u mhux "*Xiberras*" u **Tiddikjara wkoll** li kunjom ir-rikorrenti ghandu jkun ta' "*Sciberras*";

2. **Tordna** l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid Numru 4988 tas-sena 1963, billi tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega sabiex jitnizzel kunjom ir-rikorrent Silvio *sive* Sylvano bhala "Sciberras";

3. **Tordna** l-korrezzjoni ta' l-Att taz-Zwieg taghhom bin-numru progressiv 1716 tas-sena 1986, billi tordna li fil-kolonna "*Isem u Kunjom*" ta' Silvio Sciberras, il-kunjom

"*Xiberras*" jigi sostitwit bil-kunjom "*Sciberras*" u **Tordna wkoll** li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega sabiex jitnizzel kunjom ir-rikorrenti Mary Dolores nee' Borg adottat wara zwieg bhala "Sciberras";

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi *in linea* preliminari:

    a. Din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

    b. Tant illi l-mertu tal-kawża odjerna huwa unikament fuq it-tibdil għall-kunjom 'Sciberras', ir-rikorrenti għandhom jitolbu korrezzjoni fl-okkju tal-kawża tant illi, fil-preżent kunjomhom huwa ndikat bħala 'Xiberras' u mhux 'Sciberras' fuq l-Atti ta' Stat Ċivili rispettivi. Għalhekk fl-umli fehma tal-esponent ikun idoneju illi l-kunjom ir-rikorrenti kif rifless fl-okkju tal-anqas ikun indikat bħala 'Xiberras *sive* Sciberras';

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **4988/1963 (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1),** jidher illi r-rikorrent **Silvio *sive* Sylvano Sciberras** twieled ġewwa Malta nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 1963, lil **'Eleno Xiberras'** u **'Mary *wife of the said* Eleno Xiberras',** fiż-żwieġ u dana skont ma ddikkjara missier r-rikorrent fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid suċitat. Jingħad ukoll illi in vista tal-liġi *in vigore* f'dak iż-żmien, ir-rikorrent awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid u ċioe' **'Xiberras'**. Għaldaqstant ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

5. Illi konsegwentement, r-rikorrent ġie ndikat bil-kunjom 'Xiberras' fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **1716/1986 (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 2)** u għaldaqstant, martu

'Mary Dolores' li hija wkoll parti mill-kawża odjerna adottat l-istess kunjom fil-mument taż-żwieġ tagħhom;

6. Illi madanakollu, r-rikorrenti qegħdin jisħqu illi tul ħajjithom huma minn dejjem kienu magħrufa bil-kunjom **'Sciberras'** u mhux **'Xiberras',** u għal dan il-għan jidher ukoll illi ppreżentaw diversi dokumenti sabiex isaħħu l-pretensjoni tagħhom;

**It-Talbiet:**

7. Illi fir-**rigward tat-talbiet kollha**, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi din il-Qorti tkun sodisfatta illi kunjom ir-rikorrenti huwa verament '**Sciberras'** u mhux **'Xiberras'**, u li d-dokumenti preżentati mir-rikorrenti jilħqu l-ogħla grad rikjest mill-liġi;

8. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni."

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 35 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat ir-rikors datat 12 ta' Mejju 2025 li permezz tiegħu din il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fil-kunjom kif miktub fir-rikors ġuramentat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mar-rikors ġuramentat fosthom karti tal-identita' maħruġa mill-istess Stat Malti f'isem ir-rikorrenti li juru l-kunjom miktub "Sciberras" u mhux "Xiberras". Rat ukoll il-bosta dokumentazzjoni oħra li wkoll turi illi r-rikorrenti huma magħrufa bil-kunjom "Sciberras" u mhux "Xiberras". Rat ukoll l-affidavits tar-rikorrenti a fol 32 u 33 tal-proċess fejn huma wkoll jispjegaw it-tul ta' żmien li huma minn dejjem użaw il-kunjom "Sciberras" u mhux "Xiberras".

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni kif dedotta;

4. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**18 ta' Ġunju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**18 ta' Ġunju 2025**